**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAL-LAQGĦA INFORMALI TAL-KUNSILL EWROPEW NHAR IL-ĦAMIS 22 TA' JANNAR 2026**

Sur President, nhar il-Ħamis, 22 ta' Jannar 2025, jien u l-bqija tal-mexxejja tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea ġejna msejħa mill-President tal-Kunsill Ewropew Antonio Costa għal laqgħa informali straordinarja tal-Kunsill Ewropew biex niddiskutu għadd ta' temi li jeħtieġu attenzjoni immedjata fl-isfond tal-iżviluppi fir-relazzjonijiet transatlantiċi u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq l-Unjoni Ewropea.

Prinċipalment, l-aktar punti li wasslu biex il-President tal-Kunsill Ewropew nieda din l-istedina u sejjaħ din il-laqgħa kienu l-iżviluppi marbuta ma' Greenland u t-tensjoni dejjem tikber, sfortunatament, mal-Istati Uniti tal-Amerka, u kif ukoll il-ħolqien tal-Bord tal-Paċi mill-President tal-Istati Uniti Donald Trump, liema żviluppi komplew żiedu mal-inċertezzi ġeopolitiċi.

Nibda billi nitkellem dwar Greenland u nagħti ftit kuntest. Kif nafu, f'dawn l-aħħar xhur it-tensjonijiet diplomatiċi transatlantiċi żdiedu hekk kif il-President Amerikan Donald Trump beda jsostni li l-Istati Uniti strateġikament għandha bżonn takkwista lil Greenland biex tiġi kkontrobilanċjata l-influwenza Russa u Ċiniża fl-Artiku.

Aktar inkwetanti kien il-fatt li d-diskussjoni dwar din it-tema kienet qed teskala anke għaliex l-Istati Uniti kienet qed tindika li kienet lesta tieħu kull azzjoni neċessarja, inkluż li tuża l-forza, biex takkwista lil Greenland. Bla dubju, dan ma niżel tajjeb xejn mal-komunità internazzjonali, b'mod partikolari mal-pajjiżi membri tan-NATO minħabba li Greenland tifforma parti mir-Renju tad-Danimarka.

Allura li kieku l-Istati Uniti użat il-forza biex takkwista Greenland, dan kien ifisser li żewġ alleati tan-NATO kienu jkunu daħlu f'kunflitt, b'implikazzjonijiet sinifikanti għall-eżistenza tal-alleanza tan-NATO nnifisha. Minbarra hekk, naturalment dan fisser ukoll implikazzjonijiet diretti fuq ir-relazzjoni turbulenti bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea.

B'reazzjoni għal din ir-retorika rajna matul l-aħħar ġimgħat kif id-Danimarka, bl-appoġġ ta' diversi alleati oħra – jiġifieri n-Norveġja, l-Iżvezja, Franza, il-Ġermanja, l-Olanda, il-Finlandja u r-Renju Unit; seba' pajjiżi stati membri tal-Unjoni Ewropea u wieħed mhuwiex – bdiet tħejji pjanijiet għal preżenza akbar u aktar sostnuta tan-NATO fi Greenland bil-għan li tinkiseb is-sigurtà fl-Artiku kollettivament.

Dan ma niżel tajjeb xejn mal-President Trump, li ħabbar li kien lest li mill-1 ta' Frar jimponi tariffa ta' 10% fuq prodotti esportati minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u alleati tan-NATO li qed jopponu l-pjanijiet tiegħu u li bagħtu t-truppi tagħhom fi Greenland. Fid-dawl ta' dan kollu nħass il-bżonn li l-Unjoni Ewropea tevalwa l-pożizzjoni tagħha u tħares anke lejn ir-rispons kummerċjali kollettiv.

Fil-jiem ta' qabel din il-laqgħa kien hemm żewġ possibiltajiet li bdew jiġu msemmija, primarjament l-applikazzjoni ta' kontromiżuri min-naħa tal-Unjoni Ewropea fuq prodotti u servizzi mill-Istati Uniti, u kif ukoll sejħiet biex jiġi attivat l-Anti-Coercion Instrument (ACI).

Madanakollu x-xenarju reġa' nbidel kemxejn lejliet din il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, meta l-President Trump indirizza l-kwestjoni ta' Greenland ġewwa Davos waqt il-World Economic

Forum, fejn ħabbar li wara laqgħa li kellu mas-Segretarju Ġenerali tan-NATO Mark Rutte, it-tariffi li kellhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar ma kinux se jiġu imposti fid-dawl tal-formazzjoni ta' qafas għal ftehim futur dwar Greenland u r-reġjun Artiku.

Bla dubju, din kienet aħbar importanti u li għenet biex tnaqqset kemxejn it-tensjoni li kienet qed tinġema', però żgur li ma fissirx li għadda kollox u li kulħadd kellu jserraħ rasu. Jiġifieri kieku kelli niddeskrivi x'kien is-sentiment kollettiv f'din il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew ngħid illi tal-1 ta' Frar għaddiet imma nlestu ruħna għaliex dik l-eskalazzjoni li kien hemm fix-xhur li ġejjin se terġa' sseħħ, jekk hux dwar Greenland jew dwar kwestjoni oħra.

Kien proprju dan l-ispirtu tad-diskussjoni li kellna bejnietna l-mexxejja għaliex minkejja dan l-iżvilupp ġewwa Davos, fir-realtà ġeopolitika u n-norma ġdida li qed ngħixu fiha llum, xejn m'għandu permanenza u s-sitwazzjoni taf tinbidel fi ftit sigħat. Allura, il-qofol tad-diskussjoni kien dwar rispons adegwat mill-Unjoni Ewropea biex jiġi assigurat li l-preparamenti kollha jkunu saru f'każ li għal darb'oħra jkun hemm eskalazzjonijiet u jkun hemm bżonn ta' azzjoni immedjata.

Matul din id-diskussjoni l-messaġġ tiegħi kien wieħed ċar. L-ewwel u qabelxejn, tennejt it-tħassib tiegħi fuq l-eskalazzjoni li rajna matul l-aħħar ġimgħat u dwar it-ton aggressiv li beda jiddomina.

Fi żminijiet ta' inċertezza u tensjonijiet globali, pajjiżna jibqa' jemmen li għandu jkun hemm rispett sħiħ lejn il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, tal-integrità territorjali u tas-sovranità nazzjonali. Allura tennejt li l-futur ta' Greenland irid ikun iddeterminat mill-poplu ta' Greenland u tar-Renju tad-Danimarka. Filwaqt li lqajt ukoll id-diskussjonijiet li wasslu għall-iżvilupp pożittiv u t-tħabbira ta' deskalazzjoni mill-President Trump, sħaqt li t-triq 'il quddiem trid tibqa' dik tad-djalogu u ċertament li mhux inkunu aħna li b'xi azzjoni li nistgħu nieħdu – meta qed ngħid "aħna", jiġifieri l-Unjoni Ewropea – inwasslu għal eskalazzjoni.

Urejt b'mod ċar li l-preferenza ta' pajjiżna hija li għandu jsir kull sforz possibbli f'din id-direzzjoni u biex jintensifika l-kuntatt mal-Istati Uniti qabel nimxu 'l quddiem b'xi forma ta' miżura addizzjonali li tkompli żżid it-tensjonijiet minflok ma tnaqqashom. Naturalment, ma jfissirx li aħna bħala Unjoni Ewropea m'għandniex inkunu mħejjija għal kull eventwalità, però nemmen bi sħiħ li dawn huma l-mumenti li jiddefinixxuna, il-mumenti li jafu jibdlu l-istorja kompletament.

Kif wieħed seta' jinnota, jien kont kawt u meqjus ħafna f'dak li kont qed ngħid fil-jiem ta' qabel din il-laqgħa. Dak li kelli ngħid imbagħad għedtu waqt il-laqgħa, fis-sħiħ tiegħu. U fil-jiem ta' qabel kont kawt mhux għax pajjiżna ma jinteressahx mill-kwestjoni ta' Greenland u mhuwiex solidali ma' Greenland jew mad-Danimarka. Infatti l-intervent tiegħi tellaqtu billi wrejt solidarjetà sħiħa mal-Prim Ministru tad-Danimarka, kollega fil-familja politika tagħna wkoll. Sfortunatament però, kien hawn min ipprova jpinġiha li għax aħna m'għandniex interess illi nkunu solidali, li assolutament mhuwiex hekk, imma għaliex ir-responsabbiltà u l-maturità hekk titlob minni.

Sfortunatament illum qed ngħixu f'dinja fejn il-kliem jinfirex malajr aktar min-nar, u qed issir ħafna ħsara bl-iskambju ta' dikjarazzjonijiet perikolużi u mgħaġġla li jispiċċaw jattiraw in-negattività u reazzjonijiet sproporzjonati.

Id-diplomazija hija għodda importanti ħafna, arti li sfortunatament qed issir skarsa f'dinja li saret aktar moħħha fil-battibekki u l-kultura tal-botta u r-risposta fuq il-midja soċjali. Hemm post u ħin għal kollox u diskussjonijiet daqstant sensittivi u li jista' jkollhom impatti daqstant serji, jeħtieġu negozjati u kawtela kbira u allura ma nemminx li għandhom iseħħu b'metodi li għandhom mill-populiżmu.

U allura f'din il-laqgħa tal-Ħamis li għadda enfasizzajt li f'din il-fażi sensittiva hemm bżonn li l-komunikazzjoni tkun meqjusa u kull pass u azzjoni jkunu meħuda b'responsabbiltà. Din żgur mhix kwestjoni mitmuma, anzi nemmen illi l-ġimgħat li ġejjin se jkunu aktar sensittivi, u dan ifisser li rridu nkunu meqjusa ħafna fi kliemna, meqjusa fl-azzjonijiet tagħna u li konsistentement nifhmu li qegħdin inħarsu lejn sitwazzjoni ġeopolitika li d-dinja ma ratx bħala fl-aħħar għexieren ta' snin.

Jiġifieri kollettivament bħala Unjoni Ewropea għandna responsabbiltà u rridu nkunu attenti ħafna f'dak kollu li nagħmlu, u rridu naġixxu b'maturità u b'responsabbiltà sabiex ma nagħmlu xejn li jista' jeskala t-tensjonijiet jew inpoġġu lilna nfusna taħt pressjoni.

L-istess jgħodd għall-kuntest lokali. In-nies hemm barra qegħdin isegwu u jiġġudikaw, u jaslu għall-konklużjoni dwar min qiegħed verament jaġixxi b'maturità u fl-aqwa interess ta' pajjiżna.

Ħa nkun ċar, din in-naħa tal-Kamra ffokata u mhux se taqa' għan-nassa tal-populiżmu u r-retorika li qed tipprova timbotta 'l quddiem in-naħa tal-Oppożizzjoni. Il-protesta jew il-vigil li se jsir mill-fergħa tal-Oppożizzjoni fil-jiem li ġejjin quddiem l-Ambaxxata Amerikana jien ma naqbel assolutament xejn miegħu, u se nkun ċar, ma jirrappreżentax il-pożizzjoni tal-Gvern ta' Malta.

Il-Gvern ser jibqa' jitkellem meta għandu jitkellem filwaqt li jkun responsabbli fil-messaġġi li jgħaddi – iva, aħna favur ir-rispett sħiħ lejn il-liġi internazzjonali u lejn il-ħtieġa li jkun hemm rispett reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, mibni fuq djalogu u fuq koperazzjoni li tmur lil hinn minn relazzjoni kummerċjali. Relazzjoni transatlantika b'saħħitha hija kruċjali u bżonjuża għaż-żamma tal-ordni globali, u minkejja li qegħdin fi żmien turbulenti, ma jfissirx li kulħadd għandu jfajjar il-kliem bl-addoċċ.

Allura ser nerġa' nirrepeti, Sur President, ir-responsabbiltà titlob minn kull wieħed u waħda minna, speċjalment aħna hawn ġew li fdati bit-tmexxija ta' dan il-poplu fi żmien daqstant sensittiv, fejn kollox qed jiġi nnotat, biex kulħadd għandu jkun meqjus u jfittex li jipparteċipa fi sforzi ta' deskalazzjoni u mhux fi statements li jistgħu jidhru sbieħ mal-ewwel daqqa t'għajn imma li ma jkollhom ebda valur politiku u fil-fatt ma jagħmlu ebda ġid, anzi jagħmlu ħafna u ħafna ħsara illi ma tintesiex minn min ikun qed jirċeviha.

Ngħid għalija jien kont diżappuntat ħafna meta lejlet din il-laqgħa tant sensittiva tal-Kunsill Ewropew, u proprju anke fl-istess ħin li kienu għaddejjin t-taħdidiet bejn il-President Donald Trump u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO Mark Rutte, membri tal-Oppożizzjoni użaw il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej biex jattakkaw lill-Gvern għaliex kien qed ikun meqjus u responsabbli. Biex ma nsemmix ukoll l-aġir deplorabbli fil-konfront ta' civil servant li kien preżenti biex jispjega l-aħħar żviluppi u li spiċċa taħt pressjoni u kważi kważi kien intimidat mill-membri tal-Oppożizzjoni li kienu moħħhom biss biex jimbuttaw in-narrattiva qarrieqa tagħhom.

Dan hu l-interess nazzjonali jew il-bajda u l-ħamra illi tant hemm min jiftaħar biha? Possibbli li l-Oppożizzjoni f'mumenti jaħarqu nar bħal dawn, li forsi hija stess lanqas qiegħda tapprezza kemm jaħarqu, għal ftit punti politiċi lesta tagħmel dawn l-affarijiet?

Sur President, l-aħħar parti tad-diskussjoni li kellna, li kienet daqstant ieħor importanti, kienet dwar il-ħolqien tal-Bord tal-Paċi. Biex nagħti ftit kuntest u nispjega x'inhu dan il-Bord tal-Paċi, tajjeb infakkar li l-pjan ta' 20 punt li kien preżenta l-President Amerikan Trump biex itemm il-gwerra ta' Iżrael fuq Gaża jgħid li "Gaża se tkun imħaddma taħt governanza tranżitorja temporanja ta' kumitat Palestinjan teknokratiku u mhux politiku… bis-superviżjoni u sorveljanza minn korp internazzjonali tranżitorju ġdid, il-'Bord tal-Paċi', li jkun immexxi u ppresedut mill-President Donald Trump, flimkien ma' membri oħra u mexxejja ta' stati. Dan il-korp se jistabbilixxi l-qafas u jimmaniġġja l-finanzjament għar-rikostruzzjoni ta' Gaża sakemm l-Awtorità Palestinjana tlesti l-programm ta' riforma tagħha… u tkun tista' b'mod sigur u effettiv terġa' tieħu l-kontroll ta' Gaża…"

Fid-dawl ta' dan, l-Istati Uniti tal-Amerika mexxiet 'il quddiem dan il-pjan u matul l-aħħar ġimgħat il-President Trump stieden numru ta' pajjiżi biex jissieħbu f'dan il-Bord tal-Paċi u fit-22 ta' Jannar, proprju fil-jum tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, saret iċ-ċerimonja tal-iffirmar tat-twaqqif ta' dan il-Bord waqt il-Forum Ekonomiku Dinji ġewwa Davos. Tajjeb wieħed jirrimarka li l-Unjoni Ewropea, kif ukoll numru ta' Stati Membri, ġew mistiedna biex jingħaqdu f'dan il-Bord tal-Paċi, però sa issa kienu biss żewġ Stati Membri li ssieħbu ġo fih, jiġifieri l-Bulgarija u l-Ungerija.

Il-qofol tad-diskussjoni kien proprju dwar il-passi li trid tieħu l-Unjoni Ewropea u d-deċiżjoni tagħna, jekk hux kollettivament jew individwalment, dwar is-sħubija. Huwa ċar li l-maġġoranza għadha ma ffurmatx opinjoni finali dwar dan, anke għaliex hemm analiżi li trid issir dwar numru ta' elementi, inkluż il-governanza, – infatti kellna wkoll parir legali f'dan is-sens – li jiġu analizzati wkoll l-għanijiet ta' dan il-Bord u l-ġuriżdizzjoni tiegħu sa fejn testendi, u l-kompatibilità – proprju kellna parir legali fuq dan il-punt – maċ-Charter tan-Nazzjonijiet Uniti. Madanakollu hemm qbil ġenerali li l-Unjoni Ewropea għandha taħdem mal-Istati Uniti fuq l-implimentazzjoni tal-pjan tal-paċi f'Gaża.

F'din il-parti tad-diskussjoni, Sur President, il-messaġġ tiegħi kien għal darb'oħra favur li nibqgħu miftuħin għad-djalogu u koperazzjoni mal-Istati Uniti. Nemmen li dan il-bord m'għandniex inħarsu lejh kif, sfortunatament, uħud bdew jagħmlu. Dan mhux neċessarjament inħarsu lejh bħala punt ta' diverġenza imma bil-kontra. Il-messaġġ tiegħi kien li dan il-Bord jista' jkun pont ta' konverġenza mal-Istati Uniti tal-Amerka. U l-kwestjoni jekk għandniex ningħaqdu fih immedjatament jew aktar 'il quddiem wara li ssir l-analiżi li semmejt u li rreferejt għaliha, inkunu nistgħu neħduha aktar 'il quddiem. Però kien hemm min qal li dan il-Bord tal-Paċi għandu jkun punt li jaqsamna kompletament mal-Istati Uniti. Jien esprimejt il-fehma opposta, li dan jista' jkun punt fejn fid-diversi diverġenzi li hemm bħalissa, il-parteċipazzjoni jew il-pożizzjoni dwar dan il-Bord tista' tkun pont li tqarribna lejn xulxin.

Jien nemmen li kull inizjattiva u kull sforz li jixprunaw 'il quddiem il-paċi u d-djalogu għandhom ikunu sostnuti, ġejjin minn fejn ġejjin. Jekk irridu nassiguraw progress f'din l-aġenda tal-paċi, irridu nħarsu lejn din l-inizzjattiva wkoll bi pragmatiżmu u nikkollaboraw u nipparteċipaw f'diskussjoni kostruttiva. Għaldaqstant, inħares 'il quddiem li fil-ġimgħat li ġejjin, inkomplu niddiskutu din l-inizzjattiva u nanalizzaw b'mod konkret x'jista' jkun il-kontribut ta' pajjiżna – m'aħna qegħdin neskludu xejn dwar il-parteċipazzjoni tagħna jew le f'dan il-Bord – u kif ukoll tal-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward. Grazzi.